**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 13 ta' Gunju, 2019

Rikors Guramentat numru : 255/15 AL

**A B f'isimha proprju u bhala kuratrici 'ad litem' tal-minuri C D B**

**vs**

**E D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ippresentat mill-attrici **)) f'isimha proprju u bhala kuratrici 'ad litem' tal-minuri C D B**, li permezz tieghu ppremettiet :

1. Illi minn relazzjoni bejn il-partijiet A B u E D, fis-27 t'April, 2010 twieled il-minuri bl-isem ta' C D B liema minuri illum ghandu hames (5) snin u dana kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid hawn anness u mEat Dok. 'A'.

2. Illi r-relazzjoni bejn il-partijiet illum intemmet.

3. Illi ghalkemm saru diversi tentattivi da parti tar-rikorrenti sabiex jintlahaq ftehim bonarju, inkluz bil-proceduri tal-medjazzjoni, dawn gew terminati minghajr ma kien hemm ebda ezitu pozittiv.

4. Illi aghar minn hekk, minkejja li l-esponenti kienet dejjem lesta sabiex toqghod fuq dak li gie deciz minn dina l-Onorabbli Qorti u dana kemm fir-rigward tal-fatt li, filwaqt li t-tifel jibqa' jabita mal-esponenti, tkun versata r-retta alimentari favur tieghu mill-intimat li jkollu wkoll access regolari ghall-istess minuri kif jinsab dekretat minn dina l-Onorabbli Qorti 'pendente lite', l-intimat baqa' jirrifjuta li jaddivjeni ghall-ftehm f'tali sens filwaqt li jippersegwixxi t-talba tieghu li jkun hemm aktar 'sleep overs' matul il-gimgha favur tieghu. Huwa baqa' jinsisti ghal dan ukoll meta kien jaf li tali soluzzjoni ma setghet qatt tkun fl-ahjar interess tat-tifel tenut kont tal-impenji edukattivi tieghu u wkoll tal-htiega li t-tifel ikun jaf li d-dar tieghu hija wahda u hija dik tal-omm.

5. Illi l-esponenti kienet sahansitra disposta li tikkunsidra li jkun hemm access aktar ampju favur l-intimat matul il-vakanzi tas-sajf u waqt il-btajjel tal-iskola imma lanqas tali proposta ma kienet accettabbli ghall-intimat li, minkejja il-pariri moghtija lilu kemm mill-medjatrici u kif ukoll mill-avukat tat-tfal, baqa' jinsisti ghal iktar 'sleepovers' matul il-gimgha mat-tifel.

6. Illi, ulterjorment, meta t-talba tieghu giet michuda minn dina l-Onorabbli Qorti kien hemm sahansitra okkazjonijiet meta l-intimat beda jipprezenta ruhu f'postijiet fejn kien ikun jaf li jkun hemm l-esponenti flimkien mal-minuri, barra l-hinijiet allokati ghall-

access tieghu, u jipprova jkellem lit-tifel sabiex jikkonvincieh imur mieghu. Fil-passat kien kien hemm okkazzjonijiet ukoll fejn meta t-tifel kien ghand l-intimat dan cempel lill-esponenti sabiex din tmur tigbru peress illi ma kienx jista' jkompli jiehu hsiebu. Aktar ricentement kien hemm okkazzjonijiet ohra wkoll fejn wara li l-esponenti tigbor lit-tifel minghand l-intimat it-tifel beda jagixxi b'mod stramb u sahansitra juri imgieba vjolenti kontra l-esponenti u l-genituri taghha u wkoll fuqu nnifsu.

7. Illi evidentement l-agir persistenti da parti tal-missier kien qed iwassal sabiex it-tifel, li diga' kien qed ihoss il-firda tal-genituri tieghu, jibda sahansitra jahseb li kienet l-omm li kienet qed twaqqfu milli jiltaqa' ma' missieru u kien ghalhekk li kien qed ikollu tali reazzjoni fil-konfront taghha u wkoll fil-konfront tieghu nnifsu.

8. Illi, aktar minn hekk, b'mod mill-iktar frivolu u vessatorju, l-intimat ghazel li jipprocedi kontra l-esponenti u jitlob sahansitra li l-esponenti tigi mnehhija mill-jeddijiet kollha taghha ta' setgha ta' genitur a tenur tal-art. 154 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta) u dan meta jaf ben tajjeb li ma jezistu bl-ebda mod il-fattispeci li jistghu talvolta jiggustifikaw talba bhal din meta r-relazzjoni bejn l-omm u l-minuri hija wahda ideali bazata fuq il-kura l-imhabba u s-sens ta' rispett li ghandhom jikkaratterizzaw kull relazzjoni bejn genitur u iben.

9. Illi, aktar minn hekk ukoll, huwa car li tali talba saret biss b'mod ta' tpattija personali fil-konfront tal-esponenti fuq insistenza tal-intimat li qatt - la fl-istadju tal-medjazzjoni u lanqas quddiem l-avukat tat-tifel - ma rrefera ghal ebda ragunijiet li jistghu jeskludu lill-esponenti mis-setgha taghha bhala genitur. Dan kollu huwa sintomatiku tal-agir tal-intimat li jibqa' jinsisti sabiex tghaddi l-volonta' tieghu ukoll meta l-ahjar interess tal-minuri jiddetta

xort'ohra. L-avukata tat-tifel ukoll innutat dan l-agir waqt is-seduta li saret quddiemha meta, riskontrata bl-intransigenza tal-intimat li jifhem li m'huwiex ta' gid ghat-tifel li jaqsam il-gimgha fi 'sleepovers' bejn ommu u missieru sahansitra ikkummentat lill-avukat patrocinanti tal-intimat li kellu jidderigi lill-klijent tieghu u mhux ihalli lill-klijent tieghu jibqa' jiddetta termini u kundizzjonijiet mill-aktar irragjonevoli u li ma jistghu qatt ikunu fl-ahjar interess tat-tifel tenut kont tac-cirkostanzi partikulari ta' dan il-kaz.

10. Illi, ulterjorment ukoll, fil-frattemp l-intimat baqa' jirrifjuta li jhallas il-manteniment dovut favur il-minuri skont kif dekretat minn dina l-Onorabbli Qorti 'pendente lite'. Mitlub ihallas permezz ta' 'wire transfer' bejn il-banek l-intimat baqa' jinsisti li jaffetwa l-hlas direttament lill-intimata u dana evidentement sabiex mill-gdid ikollu skuza sabiex jiltaqa' maghha u/jew mat-tifel.

11. Illi r-rikorrenti giet awtorizzata tipprocedi f'din l-istanza in forza ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti datat 9 t'Ottubru, 2015 (hawn anness u mEat Dok. 'B')

12. Illi r-rikorrenti taf b'dawn il-fatti personalment.

Talbet li l-konvenut ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tordna illi l-kura u l-kustodja tat-tifel minuri C D B tigi fdata esklussivament f'idejn ir-rikorrenti A B u li l-iben minuri ghandu jkompli jirrisjedi esklussivament flimkien mal-esponenti.

2. Okkorrendo tiffissa modalita' ta' access favur l-intimat ghall-minorenni C D B inkluz li tali access jigi ezercitat taht id-debita supervizjoni kif mehtieg

skont ic-cirkostanzi u kif mehtieg fl-ahjar interess tal-istess tifel.

3. Tillikwida u tordna l-intimat ihallas manteniment xieraq ghall-bzonnijiet ta’ l-istess iben minuri C D B skond il-ligi u skont dawk il-modalitajiet ulterjuri li jidhrilha xierqa din l-Onorabbli Qorti, inkluz manteniment fir-rigward tal-bzonnijiet kollha tal-iben minuri inkluzi l-ispejjez medicinali, edukattivi, extra-kurikulari tal-istess iben minuri b'zidiet ghall-gholi tal-hajja.

4. Tiddikjara u tiddeciedi li kwalunkwe assistenza statali mhallsa versu l-htigijiet tal-iben minorenni C D B tibqa' tigi percepita ad eskluzjoni tal-intimat.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-medjazzjoni u tal-proceduri kollha relattivi ghal din il-firda personali kontra l-intimat minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut E D (fol. 13) li permezz taghha eccepixxa :-

1. Fl-ewwel lok, in linea preliminari, il-minorenni C D B, ma għandux l-interess ġuridiku meħtieġ sabiex joqgħod f’din il-kawża *qua* rikorrent.

2. Fit-tieni lok, in linea ġenerali, it-tlbiet kollha tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda in kwantu l-istess huma għal kollox kunfliġġenti mal-interess supġrem tal-minorenni u mat-talbiet mressqa mill-istanti fil-kawża fl-ismijiet <u>E D v. A B</u> (Rikors Ġuramentat numru. 237/2015 AL).

3. Fit-tielet lok, riferibbilment għall-ewwel u għat-tieni talbiet tar-rikorrenti, dawn għandhom jiġu miċħuda in kwantu, kif ser jiġi muri fit-trattazzjoni ta’ dan ir-rikors ġuramentat l-aħjar

interess tal-minorenni C D B jitlob li l-kura u l-kustodja tal-istess għandha tiġi fdata lill-esponenti, li miegħu għandu wkoll jirrisjedi l-minorenni. Inoltre', kull talba għal access superviżjonat hija għal kollox vindikattiva in kwantu r-rikorrenti taf tajjeb li l-esponenti huwa ġentiur wisq aktar idoneju minnha.

4. Fir-raba' lok, riferibbilment għat-tielet u r-raba' talbiet tar-rikorrenti, dawn għandhom jiġu miċħuda in vista tal-premess. Jiġi rilevat biss f'dan l-istadju li l-esponenti dejjem ottempora ruħu skrupliżament ma' kull ordni lilu mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti *in materia*.

5. Fil-ħames lok, l-esponenti jirrileva 'lli kif kuntrarjament dikjarat mir-rikorrenti, l-odjerni ma humiex proċeduri ta' 'firda personali'.

Salv, occorrendo, eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti A B illi hija minn issa nġunta għas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhied tal-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut, li permezz taghha iddikjara:

L-istanti ma jaqbilx mal-fatti kif premessi mir-rikorrenti, u jirrigetta l-istess b'mod partikolari dawk kontenuti fit-tielet premessa 'l quddiem tar-rikors guramentat tagħha.

2. Fir-rispett tal-ewwel eċċezzjoni minnu sollevata: in linea preliminari, il-minorenni C D B, ma għandux l-interess ġuridiku meħtieġ sabiex joqgħod f'din il-kawża *qua* rikorrent. Ai termini tal-Art 781 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-minuri ma humiex kapaċi joqogħdu f'kawża ħlief fil-persuna tal-ġenitur. Dan id-dispost isib eċċezzjoni fl-Art. 782 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jistipula 'lli minuri jista' joqgħod f'kawża kontra l-ġenitur tiegħu basta jkollu kuratur *ad litem*. Huwa pależi 'lli r-rikorrenti pproċediet bir-rikors ġuramentat odjern kemm f'isimha *proprio*

u kif ukoll bħala kuratriċi *ad litem* ta' iben il-partijiet mingħajr ma kellha d-debita awtorizzazzjoni tagħmel dan minn din l-Onorabbli Qorti. Filfatt, fid-dawl tal-premess, l-esponenti għandu d-dubji tiegħu dwar l-ammissibilita' tar-rikors ġuramentat odjern. L-esponenti ma jistax ma jistqarrx li qajla jista' jifhem 'l għaliex ir-rikorrenti għażlet li tipproċedi b'dan il-mod meta hija ben konsapevoli li ż-żewġ kontendenti qiegħdin iressqu talbiet kważi identiċi f'kawżi minnhom proposti kontra xulxin.

3. Fir-rispett tat-tieni eċċezzjoni minnu sollevata: in linea ġenerali, it-tlbiet kollha tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda in kwantu l-istess huma għal kollox kunfliġġenti mal-interess supġrem tal-minorenni u mat-talbiet mressqa mill-istanti fil-kawża fl-ismijiet E D v. A B (Rikors Ġuramentat numru. 237/2015 AL).

L-esponenti jirrileva 'lli kienet proprju l-intransiġenza tar-rikorrenti u n-non-kuranza tagħha versu l-aħjar interessi ta' iben il-partijiet illi taw lok għall-proċeduri kontenzjużi bejn il-partijiet. Kienet proprju r-rikorrenti li ħarbtet għal kollox il-*modus vivendi* tal-minorenni C D B, *modus vivendi* li iben il-partijiet kien dara fih u li ma kien iċaħħdu minn ebda ġenitur; dan meta r-rikorrenti għażlet li tibda kruċjata kontra l-esponenti sabiex, inspjegabbilment iċċaħħdu għal kollox minn ibnu kif filfatt irnexxielha tagħmel għal ben tlett xhur qabel ma intervjeniet din l-Onorabbli Qorti.

L-istqarrijiet magħmula mir-rikorrenti, partikolarment fil-ħames u fis-sitt premessi tagħha huma malizjużi; kif ser jiġi muri mill-esperti appuntanti mill-kontendneti stess (li konvenjentement r-rikorrenti għoġobha ma ssemmix), kull imġeiba rregolari tal-minorenni ma kenitx dovuta għal xi aġir tal-esponenti iżda nibtet mill-firda tal-partijiet, firda kkawżata mir-rikorrenti li llum ma fadlilhiex triq oħra għajr li tipprova tħammeġ lill-istanti sabiex tittanta xxejjen l-ħsara li hi stess irrekat lil binha, u li għadha tirreka meta, minflok tippermettilu jqatta' ftit ħin ma' missieru, tħallih man-nanniet materni tiegħu f'ambjent xejn konduċenti għall-*benessere* morali ta' dan it-tifel.

Puerili għal kollox huma l-istqarrijiet magħmula mir-rikorrenti fid-disa' premessa tagħha; l-esponenti jiċħad kategorikament il-kontenut tal-istess; kull riferenza għall-avukat sottofirmat ma tistax ħlief turi biċ-ċar li r-rikorrenti ma fadlilha ebda argument validu sabiex tissostanzja t-talbiet tagħha għajr li taqa' fir-redikolu li tirreferi għall-kontenut ta' rapport/i li hi ma għandiex access għalihom (safejn jaf l-esponenti huma kunfidenzjali bejn l-Avukat tat-Tfal u din l-Onorabbli Qorti) filwaqt li żżeffen fin-nofs l-idoneita' tal-parir mogħti lill-istanti mill-avukat tiegħu sottofirmat.

4. Fir-rispett tat-tielet eċċezzjoni minnu sollevata: riferibbilment għall-ewwel u għat-tieni talbiet tar-rikorrenti, dawn għandhom jiġu miċħuda in kwantu, kif ser jiġi muri fit-trattazzjoni ta' dan ir-rikors ġuramentat l-aħjar interess tal-minorenni C D B jitlob li l-kura u l-kustodja tal-istess għandha tiġi fdata lill-esponenti, li miegħu għandu wkoll jirrisjedi l-minorenni. Inoltre', kull talba għal access superviżjonat hija għal kollox vindikattiva in kwantu r-rikorrenti taf tajjeb li l-esponenti huwa ġentiur wisq aktar idoneju minnha.

5. Fir-rispett tar-raba'eċċezzjoni minnu sollevata: riferibbilment għat-tielet u r-raba' talbiet tar-rikorrenti, dawn għandhom jiġu miċħuda in vista tal-premess. Jiġi rilevat biss f'dan l-istadju li l-esponenti dejjem ottempora ruħu skrupolżament ma' kull ordni lilu mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti *in materia*.

6. Fir-rispett tal-ħames eċċezzjoni minnu sollevata: l-esponenti jirrileva 'lli kif kuntrarjament dikjarat mir-rikorrenti, l-odjerni ma humiex proċeduri ta' 'firda personali'.

10. Huwa jaf personalment b'dawn il-fatti kollha.

Rat il-lista tax-xhieda tal konvenut;

Rat li fil-verbal tal-udjenza tat-18 ta' Ottubru 2017 , din il-Qorti estendiet l-inkarigu tal-Perit Legali Dr Anna Mallia sabiex tkopri

wkoll din il-kawża u ordnat illi l-provi kollha li nstemgħu fil-kawża numru 237/15 jagħmel stat ta' prova wkoll fil-kawża numru 255/15 u viċe versa.

Rat l-affidavits kollha ppreżentati, u d-dokumenti magħhom annessi.

Rat il-verbali, ix-xhieda prodotti u d-dokumenti esebiti fis-seduti miżmuma quddiem il-Perit Legali Dr Anna Mallia;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti ppreżentata fis-27 ta' Novembru 2018 ; u n-nota ta' sottomissjonijiet tal-hawnhekk intimat ippreżentata fit-3 ta' Settembru 2018 u li fiha ddikjara li s-sottomissjonijiet hemmhekk imressqa japplikaw għaż-żewġ kawżi ta' bejn il-partijiet;

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Legali Dr Anna Mallia , debitament maħlufa nhar il-11 ta' Jannar 2019 fejn hija esponiet is-segwenti:

'Konsiderazzjonijiet

Illi l-perit legali tagħmel referenza għal provi kollha migbura fil-kawza numru 237/2015 AL u għan-nota ta' sottomissjonijiet ta' kull parti pprezentati fl-istess kawza.

L-ewwel talba

Tordna li l-kura u kustodja tat-tifel minuri C D B tigi fdata esklussivament f'idejn ir-rikorrenti A B u li l-iben minuri għandu jkompli jirrisjedi esklussivament flimkien mal-esponenti;

Din għandha tigi milqugħa limitatament għal dak li jirrigward t-talba sabiex l-minuri jibqa jirrisjedi ma' omm l-attrici iżda miċħuda għar-rikors kura u kustodja esklussiva u dan għall-istess raġunijiet mogħtija li konvenut fil-kawza 237/2015 AL

It-tieni talba

Okkorrendo tiffissa modalita ta' aċċess favur l-intimat għal minorenni C D B inkluz li tali aċċess jigi ezecitat that id-debita supervizjoni kfi mehtieg skont ic-cirkostanzi u kif mehtieg fl-ahjar interess tal-istess tifel.

Tilqa t-tieni talba u dwar l-aċċess il-perit legali tirrileva u tirrelata dan li gej:

L-ewwelnett l-konvenuta baqgħet sal-ahhar cioe san-nota tal-osservazzjonijiet tagħha ttambar li qabel l-attur ried inaqqas l-hiniiet mal-minuri. Dan izda jirrizulta li sar meta r-relazzjoni kienet tens hafna bejn il-partijiet, kienu tilfu tarbija, kellhom it-tifel li ma kienx jorqod b'xejn u l-hin kollu jibki u l-missier ma kienx għadu jaf kif għandu jiehu hsieb lil ibnu. Illum ic-cirkustanzi nbidlu u ma għandhiex għalfejn għalhekk il-konvenuta tibqa sejra b'din il-kantaliena li llum ma għadhiex aktar tagħmel sens.

Referenza mil-provi fil-kawza 237/2015 AL:
A fol 15 u fol 36, l-Qorti fl-10 ta' Mejju 2015 ordnat li l-missier ikollu aċċess għal minuri kull nhar ta' Tlieta u nhar ta' Hamis bejn l-5pm u t-8pm u b'mod alternattiv is-Sibt jew il-Hadd mill-10am sal-5pm. Dwar sleepovers l-Qorti l-ewwel riedet tezamina r-rapport ta' Carmen Sammut li fuq inkarigu tal-partijiet qegħda ssegwi lill-minuri.

A fol 16 u fol 37, l-Qorti fid-29 ta' Lulju 2015 ordnat wara li rat ir-rapport ta' Carmen Sammut li l-missier b'zieda mal-aċċess ikollu sleepover darba fil-gimgħa alternattiament mil-Gimgħa fis-6pm sal-għada s-sibt fis-6pm u l-gimgħa ta' wara mis-Sibt fis-6pm sal-għada l-Hadd fis-6pm.

A fol 30 u fol 41, digriet tal-25 ta' Novembru 2015 l-Qorti ordnat li l-missier ikollu aċċess lejliet il-Milied mil-5pm sal-għada fil-Milied fil-11am u f'Jum l-ewwel tas-sena mill-11am sat-8pm.

A fol 71 il-konvenuta tgħid li hija kuntenta bl-arrangament prezenti skond digriet tal-Qorti cioe nhar ta' Tlieta u Hamis mil-

5pm sat-8pm u alternattivament mil-Gimgħa sas-Sibt mis-6pm sal-għada fl-istess hin jew mis-Sibt sal-Hadd fl-istess hinijiet.

A fol 144 b'digriet tas-27 ta' Gunju 2017 l-Qorti ordnat li l-aċċess għal missier għal vaganzi tas-Sajf biss kull nhar ta' Tlieta mil-5pm sal-għada l-Erbgħa mhux aktar tard mit-8.30am meta l-attur għandu jwassal t-tifel SkolaSajf tal-Fgura; kull nhar ta' Hamis mill-5pm sad-9pm u fil-weekend b'mod alternattiv mil-Gimgħa fil-5pm sal-għada s-Sibt fis-6pm u l-gimgħa ta' wara mis-Sibt sal-Hadd fl-istess hinijiet.

A fol 158 b'digriet tas-27 ta' Frar 2018 l-Qorti li r-ragel ikollu aċċess mil-10am sas-7.30pm fil-festi pubblika b'mod alternat, u fil-granet tal-vaganzi skolastici l-qosra bhal ma huma dawk tal-Karnival, tal-għid u tal-Erwieh kollha l-minuri jqatta hin ugwali maz-żewġ ġenituri b'dan li l-hinijiet ikunu mis-1pm sas-7.30pm.

A fol 177 b'digriet tat-30 ta' Gunju 2018 l-Qorti ordnat li nhar ta' Tlieta l-konvenuta tigbor lil minuri hi mingħand l-attur fit-8pm u nhar ta' Hamis iwasslu l-attur għand il-konvenutagħal habta tat-8.30pm.

In kontro-ezami (seduta 21.2.2018) il-konvenuta kkonfermat li l-esperti t-tnejn kkonkludew li ebda wiehed minnhom ma huwa ta' hsara għat-tifel. Hija spjegat li qed topponi għal sleepover ta' fost il-gimgħa minhabba l-iskola. Hija qablet li matul il-gimgħa huwa jigbru mil-iskola darbtejn fil-gimgħa sat-8pm izda mhux li jraqdu għandu matul il-gimgħa. Fil-holidays tas-sajf it-tifel jagħmel sleepover extra.

Fil-vaganzi tal-għid u tal-Milied huwa taqbel li jkollu sleepover matul il-gimgħa pero fil-holidays il-qosra bhal Karnival u mid-term ma taqbilx la l-għada jkollu l-iskola.

Hija spjegat li meta infirdu l-attur kien qallha li ried inaqqas il-hin mat-tifel izda din inbidlet matul iz-zmien.

Hija tinkwieta għax it-tifel jigi mgiegħel jgħid certu affarijiet – per ezempju icempel lit-tifel u t-tifel jagħmlu fuq loudspeaker u jsaqsih hux safe biex jitkellem.

Meta hija ssiefer mingħajr it-tifel dawn kienu fuq lectures u xogħol u anke huwa siefer mingħajr it-tifel. Hija tgħix ma' partner u tichad li għexet ma irgiel differenti. Fil-bidu meta kienu hasru kienet issaqsih tistgħax thalli t-tifel miegħu izda huwa kien jgħidilha le u imbagħad taqbdu jsuq warajha. Hija qed toggezzjoni għar-rigħt of first refusal għax it-tifel jiehu gost imur għand in-nanniet u għand zitu u għalhekk hija qed toggezzjona.

Hija tgħid li -attur gieli halli t-tifel man-nanniet wahdu għax it-tifel jgħidilha u meta ssaqsi lit-tifel x'għamel meta kien ma missieru hija tgħidlu li jekk ma jridx jgħidilha ma jgħidilhiex. Hij għid li t-tifel ma qallhiex li missieru raqad miegħu meta raqad għand in-nanniet. għaliha kienet dirturbanti u għat-tifel li l-attur jattendi għall-attivitajiet extra-kurrikulari tat-tifel. Illum it-tifel għandu martial arts u missieru iwaslu darba hu u darba hi u meta jkunu mistednin l-ġenituri huma jgħidulu. Waqt it-training l-ġenituri jistgħu jattendu u hija toqgħod hemm u toggezzjoni li jekk it-training ma jkunx waqt il-hin tal-aċċess tiegħu li huwa jattendi għal dawn is-sessions.

Hija tgħid li l-oggezzjoni tagħha li l-missier ikun dejjem prezenti waqt l-attivitajiet extra kurrikulari tat-tifel (seduta 30.5.2018) u li t-tifel qatt ma oggezzjona u jixtieq imur is-Sibt Marshall Arts meta jkun ma' missieru izda huwa ma jiehdux. Hija toqgħod hemm waqt is-session għax tkun l-Mosta u gieli toqgħod hemm tahdem xi haga jew ikollha xi qadja u gielu jgħidulhom xi haga important wara s-session.

It-tifel għandu rutina fissa. Skond hi jekk tinbidel ir-rutina tat-tifel ikun hemm riperkussjonijiet għax met akien izgħar kien ikun hemm repercussions . L-objection ta' li sleepover fost il-gimgħa meta t-tifel ikollu l-iskola għax kien hemm okkazjonijiet fejn it-tifel kien ma' missieru u jkollu l-homework u ma sarx. Studying rari jsir. Gieli t-tifel jigi wara aċċess fil-weekend bil-homework ma sarx. Darba bagħtitlu email lill-attur u ma hax gost u tgid lit-tifel ifakkar lil papa li għandu l-homework u gieli spiccaw anke jagħmlu l-homework il-Hadd fil-għaxija.

Illum it-tifel jattendi marshall arts biss u jkollu lezzjonijiet Teusdays, Wednesdays u Saturdays u t-tifel imur Wednesday u s-Sibt għax hu ma riedx jiehdu t-Tlieta meta jkollu l-aċċess. Kienu ftehmu li jiehu t-tifel is-Sibt izda ma baqgħax jiehdu. Hija tgħid li darba minnhom l-attur iffolowja meta kienet bit-tifel fil-van tal-partner tagħha flimkien mal-ex partner tagħha. Hija spjegat li l-messaggi li prezentat mal-affidavit tagħha kienu intbagħtu fil-bidu meta l-attur ma riedx jaf bit-tifel.

Fl-affidavit tiegħu l-attur (seduta 14 ta' Gunju 2017), jgħid li l-partner tal-konvenuta sikwit jorqod id-dar tagħha fil-prezenza ta' ibnu u ibnu qallu li gieli jqum f'nofs ta' lejl u jmur jorqod bejniethom u huwa jogezzjoni għal dan; kif mhux sew li hija tiehu lit-tifel l-iskola kmieni fis-7.30am meta huwa jista jiehdu l-iskola hu fi x'hin tibda l-iskola, huwa jiddeskrivi l-aċċess prezenti tiegħu bhala gagga fejnkulhadd jista jara lil ibnu meta u fi x'hin irid barra huwa u l-ġenituri tiegħu.

Huwa pprezenta diversi dokumenti biex jipprova li l-konvenuta mhix omm idoneja li tiehu hsieb lit-tifel.

Dwar l-aċċess l-psikologa Carmen Sammut meta xehdet fis-seduta tal-25 ta' Lulju 2016 ( fol 81) li hija taf li l-aċċess huwa t-Tlieta u l-Hamis mil-5pm sat-8pm u fil-weekend gimgħa mil-Gimgħa fis-6pm sas-Sibt fis-6pm u l-gimgħa ta' wara mis-Sibt għal Hadd fl-istess hin. Hija taqbel li l-aċċess fis-Sajf ikun mil-4pm sat-8pm u li fil-weekend l-aċċess jibda fil-5pm u jispicca fis-6pm u li f'Awissu meta jkollu x-shutdown l-missier ikollu aktar granet u extra sleepover fil-gimgħa.

Hija rrakomandat fol 82 li meta t-tifel ikollu l-iskola l-aċċess jibqa minn wara l-iskola biex l-missier jgħinu fil-homework u t-tifel ikollu esperjenza taż-żewġ ġeniture li jgħinuh fil-homework.

Hija sahqet li bdil sopardiku fl-aċċess hu important għaxt-tifel ma għandux jitfel party għax għandu aċċess mal-papa. Dwar telefonati meta ġenitur ma jkollux aċċess hija xehdet li jekk it-tifel irid icempel lil ġenitur l-iehor għandu jkollu l-possibilita izda mhux vice versa li l-ġenitur icempel biex jara hux Ok għax johlog anzjeta lit-tifel.

A fol 91 in kontro ezami c-child psychologist Carmen Sammut tgħid li bdil sporadiku fl-aċċess hu important għax it-tifel ma għandux jitlef party għax għandu aċċess ma missieru.

Dwr telefonati meta ġenitur ma jkollux aċċess , it-tifel jekk irid icempel lil ġenitur l-iehor għandu jkollu l-possibilita u mhux vice versa li ġenitur icempel biex jara hux OK għax johloq ansjeta fit-tifel. (fol 91)

Fis-Sajf (fol 91) hija taqbel li l-aċċess ikun mil-4pm sat-8pm u il-weekend jibda fil-5pm u jispicca fis-6pm u taqbel li t-tifel ikollu sleepovers matul il-gimgħa fis-sajf. Hija tirramomanda li meta t-tifel ikollu l-iskola l-aċċess jibda minn wara l-iskola biex l-missier jgħinu fil-homework u t-tifel ikollu esperjenza taz-żewġ ġenituri li jgħinuh fil-homework. Hija kkonferma li l-omm kienet acettat li l-aċċess fis-Sajf jizdied u li lesta turi flessibilita tal-aċċess.

Il-konvenuta tahdem l-Mcast u tispicca mix-xogħol fil-5.45pm; tagħmel xogħol Equal Partners Foundation izda dan hija tgħid li tagħmlu meta t-tifel ma jkunx magħha u tahdem waitress part time u dan hija tgħid li tagħmlu meta t-tifel ma jkunx magħha. Ommha tmur għalih wara l-iskola u zzommu għandha sakemm hija tispicca mix-xogħol.

L-attur jgħid li għandu hinijiet flessibbli u llum il-ġurnata jahdem l-Actavis Bulebel izda prova tas-siegħat tax-xogħol tiegħu ma ngabitx.

Illi għalhekk meta qieset il-provi kollha prodott inkluz ir-rapport tac-child psychologist Carmen Sammut tat-28 ta' Lulju 2015, tal-Avukat tat-Tfal Dr Tanya Sammut Catania tad-9 ta' Novembru 2015, (anness mal-affidavit tal-attrici u prezentat fis-seduta 12.10.2017) hija tal-fehma li l-aċċess ikun kif gej:

Aċċess fis-Sajf

Il-perit legali taqbel li l-aċċess għal minuri fil-vaganzi tas-Sajf jibqa kif ordnat din l-Qorti a fol 144 b'digriet tas-27 ta' Gunju

2017 cioe li l-missier ikollu aċċess għal minuri  għal vaganzi tas-Sajf biss kull nhar ta' Tlieta mil-5pm sal-għada l-Erbgħa mhux aktar tard mit-8.30am meta l-attur għandu jwassal t-tifel SkolaSajf tal-Fgura; kull nhar ta' Hamis mill-5pm sad-9pm u fil-weekend b'mod alternattiv mil-gimgħa fil-5pm sal-għada s-sibt fis-6pm u l-gimgħa ta' wara mis-Sibt sal-Hadd fl-istess hinijiet.

Aċċess fil-Festi Pubblici

Dan għandu jibqa skond dak ordnat mil-Qorti fis-27 ta' Frar 2018 a fol 158 cioe li l-attur ikollu aċċess mill-10am sas-7.30pm festa pubblika iva u festa pubblika le cioe b'mod alternat.

Aċċess fil-granet tal-vaganzi skolastici qosra

A fol 158 l-Qorti ordnat li fil-vaganzi skolastici qosra bhala Karnival, l-għid u tal-Erwieh l-minuri jqatta hin ugwali maz-żewġ ġenituri b'dan li l-hinijiet ikunu mis-1pm sas-7.30pm.

A fol 22 kawza 255/2015 AL fid-9 ta' Marzu 2017 l-Qorti ordnat li fil-vaganzi tal-għid biss l-missier ikollu aċċess t-Tlieta mil-5pm sal-għada l-Erbgħa fid-9am u l-Hamis mill-5pm sad-9apm.  Fil-weekend b'mod alternattiv minn nhar il-Gimgħa fil-5pm sal-għada s-Sibt fis-6pm u l-gimgħa ta' wara mis-Sibt sal-Hadd fl-istess hinijiet.

Il-perit legali bir-rispett kollu ma taqbilx ma' dan tenut kont li t-tfal vaganzi tal-għid ikollhom gimgħa, tal-Karnival ikollhom jumejn u tal-Erwieh ikollhom jumejn ohra u l-Omm tahdem full time u anke part time filwaqt li l-hinijiet tal-missier huma flessibbli.  għaldaqstant hija tal-fehma li tali vaganzi għandhom fil-kaz tal-Karnival, ir-ragel ikollu aċċess ġurnata shiha mill-10am sas-7pm, fil-kaz tal-Erwieh l-istess cioe ġurnata shiha mill-10am sas-7pm u fil-vaganzi tal-għid, dawn għandhom jibqgħu kif ordnat mil-Qorti fid-digriet tagħha tad-9 ta' Marzu 2017 kawza numru 255/2015 AL b'dan li jekk din is-sena l-Missier missu t-tifel miegħu fil-ġurnata tal-għid is-sena id-diehla huwa jiehu t-tifel mil-Gimgħa fil-5pm sal-għada is-Sibt fid-9pm.

Fis-seduta tal-21 ta' Frar 2018 l-konvenuta qablet li l-attur ikollu sleepover fil-vaganzi tal-Milied u tal-għid izda mhux dawk tal-Karnival u mid-term.

Safar mil-partijiet

Il-perit legali hija tal-fehma li meta parti ssiefer mingħajr il-minuri l-parti l-ohra għandha tingħata r-rigħt of first refusal u mhux jithalla man-nanniet tiegħu.

Il-konvenuta qed toggezzjoni (seduta 21.2.2018) izda meta qed tagħmel dan ma tkunx qed thares lejn l-interess suprem tat-tifel.

Attivitajiet extra kurrikulari

Il-perit legali ma tagħtix ragun lil omm meta tgħid li l-missier ma għandux ikun prezenti waqt xi attivita extra kurrikulari tat-tifel kif lanqas tagħti ragun lil missier jekk huwa minnu li huwa ma jwaslux nhar ta' Sibt għal lezzjoni. Dan għax l-omm tgħid li ma baqgħax iwaslu għalkemm kienu ftehmu li darba twaslu hi u darba jwaslu hu.

Skond l-omm, bhalissa t-tifel jattendi Marshall Arts biss u għalkemm ikollu lezzjonijiet nhar ta' Tlieta, l-Erbgħa u s-Sibt it-tifel imur l-Erbgħa u s-Sibt għax l-missier ma riedx jiehdu t-Tlieta waqt li jkollu l-aċċess. Hija tgħid li kienu ftehmu li huwa jiehu t-tifel s-Sibt izda ma bagħax jiehdu. (seduta 21.2.2018)

Il-partijiet iridu jifhmu li binhom mhux anqas minn tfal ohra u jekk jogħgbuh dawn il-lezzjonijiet għanu jmurhom it-tlieta li huma u l-Missier ma għandux iqis dawn il-lezzjonijiet bhala hin anqas ta' aċċess specjalment meta dawn ikunu fil-weekend meta jkollu li sleepover.

Il-perit legali tifhem li fl-aċċess tiegħu ta' nhar ta' Tlieta mil-5pm sat-8pm huwa jixtieq li jqattgħu ma ibnu u sakemm iwaslu u tispicca l-lezzjoni jispicca prattikament mingħajr hin għal ibnu u għalhekk hija tal-fehma li huwa għandu jiehu t-tifel it-Tlieta għal dawn il-lezzjonijiet kemm il darba l-Qorti tilqa r-

rakkomandazzjoni tagħha li huwa jkollu overnight stay mit-Tlieta għal Erbgħa fost il-gimgħa.

Hija taqbel mal-omm li meta l-missier ma jkollux aċċess huwa ma jmurx jara lit-tifel waqt il-lezzjonijiet sakemm ma tkunx xi okkazjoni li l-ġenituri jigu mistiedna t-tnejn.

Aċċess mhux fil-vaganzi

Il-perit legali hija tal-fehma li tenut kont li l-omm tahdem, minn job wiehed tnejn u tlieta ( u l-perit legali tagħmilha cara li mhix tikkundanna lil omm għal daqshekk għax bl-ispejjez tal-hajja hafna drabi ma jkunx hemm triq ohra), u kif jigri t-tifel jithalla man-nanniet materni meta l-omm tkun xogħol, lit-tifel mhux ser tintilfu r-rutina jekk huwa darba fost il-gimgħa cioe mit-Tlieta għal Erbgħa jorqod għand missieru meta l-missier ikun obligat jwaslu l-iskola.

Illi tali aċċess għandu jkun minn wara l-iskola skond ir-rakkomandazzjoni tal-psikologa Carmen Sammut sabiex it-tifel ikollu esperjenza taz-żewġ ġeniture li jgħinuh fil-homework (fol 82).

Fil-prezent skond digriet tal-Qorti tal-10 ta' Mejju 2015 (fol 15 u 36) u dak tad-29 ta' Lulju 2015 ( fol 16 u fol 37) l-Qorti ordna tli l-missier ikollu aċċess kull nhar ta' Tlieta u Hamis bejn il-5pm u t-8pm u b'mod alternat gimgħa mil-Gimgħa fis-6pm sal-għada s-Sibt fis-6pm u l-gimgħa ta' wara mis-Sibt fis-6pm sal-għada l-Hadd fis-6pm.

L-Omm hija topponi bil-qawwa għal sleepover ta' fost il-gimgħa u tgħid li r-raguni hija minhabba l-iskola (seduta 21.2.2018), li t-tifel tibdillu r-rutina fissa li għandu u li l-missier ma jgħinux fil-homework u studying rari jsir.  Il-missier da parti rribatta meta meta pprezenta document li juri li kien hemm okkazjonijiet meta t-tifel kien magħha u l-homework ma sarx.

Il-perit legali tosserva li ebda prova ma ingabet li t-tifel ser issirlu hsara jekk il-missier jingħata overnight stay matul il-gimgħa; anzi hija tal-fehma li dan l-arrangament għandu

jnaqqas mit-tensjoni ta' bejn il-partijiet, izid il-fiduċja f'xulxin, u jgawdi t-tifel stante li jkun ta' gid għat-tifel li jara lil ommu u lil missieru jikkomunikaw aktar bejniethom.

A fol 177 b'digriet tat-30 ta' Gunju 2018 l-Qorti ordnat li nhar ta' Tlieta l-konvenuta tigbor lil minuri hi mingħand l-attur fit-8pm u nhar ta' Hamis iwasslu l-attur għand il-konvenuta għal habta tat-8.30pm.

Vaganzi tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena

Skond digriet tal-25 ta' Novembru 2015 ( fol 30 u 41) l-Qorti ordnat li l-missier ikollu aċċess lejliet il-Milied mil-5pm sal-għad fil-Milied ifl-11am u f'Jum l-Ewwel tas-sena mill-11am sat-8pm.

Fil-fehma tal-perit legali dan huwa ftit ferm u tali vaganzi għandhom jinqasmu bejn il-partijiet b'dan li sena l-missier ikollu aċċess minn lejliet il-Milied mil-5pm sal-għada fil-Milied fil-11am u f'Jum l-Ewwel tas-sena mill-11am sat-8pm u s-sena ta' wara huwa jkollu aċċess fil-Milied mill-11am sat-8pm u minn lejliet l-Ewwel tas-Sena mil-5pm sa' Jum l-Ewwel tas-Sena fil-11am.

Il-missier għandu jkollu wkoll sleepover waħda bejn il-Milied u l-Ewwel tas-Sena u l-aċċess ta' matul is-sena ma għandux jgħodd bejn l-Milied u l-Ewwel tas-Sena.

Ġħeluq snin il-partijiet

Il-minuri għandu jkun mal-parti f'għeluq sninha u jekk tali ġurnata tinzerta meta t-tifel ikun bil-vaganza l-missier ikollu aċċess mil-10am sas-6pm sakemm din ma tinzertax fil-ġurnata tal-aċċess tiegħu. Skond fol 22 kawza numru 255/2015 l-missier jagħlaq żmienu fit-13 ta' Marzu.

F'għeluq zmien l-omm il-minuri jkun mal-omm u jekk din l-ġurnata tinzerta fil-ġurnata tal-aċċess tiegħu huwa ma jkollux aċċess dakinhar u jekk tinzerta fl-overnigħt stay teigħu huwa jkollu aċċess mis-6pm il quddiem.

Għeluq snin il-Minuri

Il-minuri jagħlaq sninu fis-27 ta' April 2010. U jkun għaqli li kemm il darba din il-ġurnata tinzerta vaganza, l-ġurnata tinqasam bejn il-partijiet u jekk din tinzerta ġurnata tal-iskola, parti jkollha aċċess għal minuri minn wara l-iskola sal-5.30pm u l-parti l-ohra mil-5.30pm sat-8pm. U dan sakemm il-partijiet ma jiftehmux li jagħmlu party lit-tifel bejniethom jew li sena l-minuri jkun ma parti u sena mal-parti l-ohra f'għeluq snin il-minuri.

Kondizzjonijiet ohra

Il-missier għandu jkun fil-prezenza tat-tifla waqt l-aċċess u jekk ihallih ma terzi għax ikollu bzonn xi qadja urgenti dan ma għandux ikun ta' aktar minn sagħtejn.

L-Omm ma għandhiex thalli lit-tifel ma' terzi għal aktar minn nofs ta' nhar u għandha tagħti lil missier ir-rigħt of first refusal qabel ma thallih ma' terzi.

Hadd mil-partijiet ma għandu jcempel lit-tifel waqt li t-tifel ikun mal-parti l-ohra u għandhom ihallu lit-tifel liberu jagħmel dan jekk ikun irid. Dan fuq rakkomandazzjoni tal-psikologa Carmen Sammut (fol 81 ) .

Anke meta t-tifel ikollu xi party u dan jinzerta waqt l-aċċess tal-missier meta t-tifel ma jkunx miegħu overnigħt, it-tifel għandu jmur il-party u dawn is-siegħat mitlufa jigu kumpensat bihom l-missier guranata ohra. Carmen Sammut a fol 91 tishaq li bdil sporadiku fl-aċċess hu important għax it-tifel ma għandux jitlef party għax għandu aċċess ma' missieru.

Fl-istess waqt meta l-missier ikollu lit-tifel miegħu ma għandux ihallih man-nanniet jew ma terzi għajr għal xi qadja li ma tkunx aktar minn sagħtejn.

Safar – dan għandu jkun bil-kunsens tat-tnejn u passaport għandu jinhareg bil-kunsens tat-tnejn a spejjez konguntivament taz-żewġ partijiet. Li l-parti li tkun ser issiefer tagħti informazzjoni lil parti l-ohra dwar l-pajjiz, durata, fejn ser tkun

allogjata, u l-parti li tibqa Malta tkun tista tikkomunika mat-tifel darba kuljum.  Salv dejjem ordni tal-Qorti.

It-tielet talba

(3) Tillikwida u tordna l-intima tihallas manteniment xieraq għll-bznnijiet tal-istes iben minur C D B skond il-ligi u skont dawk il-modalitajie tulterjuri li jidhrilha xierqa din l-Onorabbli Qorti, inkluz manteniment fir-rigward tal-bzonnijiet kollha tal-iebn minuri inkluzi l-ispejjez medicinali, edukattivi, extra-kurrikulari tal-istess iben minuri b'zidiet għall-għoli tal-hajja.

A fol 71 l-konvenuta tgħid li b'ordni tal-Qorti il-manteniment ta' €200 kull erba gimgħa u nofs l-ispejjez tal-edukazzjoni u sahha u hija kuntenta b'dan ukoll.

Fl-affidavit addizzjonali tagħha (seduta 12.10.2017) l-attrici tiddikjara li l-manteniment ta' €200 dan huwa sufficjenti izda ilmentat li l-attur mhux dejjem ihallas nofs l-ispejjez straordinarji u extra-kurrikulari.  Hija tgħid li l-attur għadu sal-lum jirrifjuta li jhallas nofs l-ispiza tal-libsa tal-precett tat-tifel li giet tiswa €219.99 u għandu jhallas nofs dan l-ammont, fil-passat halset għall-atletika tat-tifel €135 u huwa lanqas hallas n-nofs.  Hija xtaqet li t-tifel jibda jattendi lezzjonijiet ta' drama, kant u zfin wara l-intervent tal-attur t-tifel qallha li ma xtaqx imur għal dawn l-attivitajiet.  Izda qablu li jattenti l-arti majali ta' mill-inqas darbtejn f'gimgħa meta t-tifel ikun mal-ġenitur rispettiv u qablu li jaqsmu dawn l-ispejjez.

Illi għalhekk din it-talba qed tigi michuda u dwar il-manteniment li l-attur għandu jgħaddi lil konvenuta l-perit legali tirrileva dan li gej:

Illi għalhekk id-digriet tal-Qorti tad-9 ta' Ottubru 2015 l-Qorti ordnat lill-attur ihallas manteniment għal ibnu fl-ammont ta' €200 kull erba gimgħat u nofs l-ispejjez tal-edukazzjoni u sahha tal-istess minuri.

għaldaqstant l-konvenuta ma għandhiex ragun legalment meta titlob li l-attur ihallas nofs il-libsa tal-pracett tat-tifel u nofs dak li halsitlu għall-atletika stante li ma hemmx ordni tal-Qorti.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha l-konvenuta tgħid li hija tixtieq li l-ispejjez extra-kurrikulari wkoll jinqasmu nofs bin-nofs u li hija tibda tippercepixxa c-children's allowance. Hija tixtieq li d-digriet vigenti pendete lite ma jigux varjati.

Izda hija l-fehma tal-perit legali li tali manteniment għandu jizdied skond l-għoli tal-hajja b'effett mid-9 ta' Ottubru 2016 tenut kont li l-attrici fl-affidavit ulterjuri tagħha (seduta 12.10.2017) xehedet li tali somma hija sufficjenti.

Difatti anke f'dawn il-proceduri l-mara ilmentat li l-attur baqa ma hallasx nofs l-ispejjez tal-athletics u nofs l-ispejjez tal-libsa tal-pracett għalkemm legalment ma għandhiex ragun stante li d-digriet ta' din il-Qorti tad-9 ta' Ottubru 2015 ma ordnatx lill-attur ihallas nofs l-ispejjez tal-Pracett u dawk extra-kurrikulari. U kif jigi kwazi dejjem, parti ma tikkonsultax mal-parti l-ohra qabel ma tagħmel tali spejjez u imbagħad tippretendi li l-parti l-ohra .

Dwar l-ispejjez ta' sahha, edukazzjoni u extra-kurrikulari, l-perit legali hija tal-fehma li attivita extra kurrikulari wahda għandha tithallas nofs bin-nofs bejn il-partijiet, filwaqt li l-ispejjez sahha u edukazzjoni nofs bin-nofs bejn il-partijiet, u jekk il-minuri (mhux xi parti) juri interess għal attivita extra kurrikulari ohra, u l-missier jingħata siegħat zejda jekk din tahbat mal-hinijiet tal-aċċess tiegħu li ma jkunx dawk meta jkollu t-tifel overnight u tali attivitita għandha wkoll tithallas mil-partijiet f'sehem indaqs bejniethom.

Ir-raba talba

Tiddikjara u tiddecieid li kwalunkwe assistenza statali imhallsa very l-htigijiet tal-iben minorenni C D B tibqa tigi ercepita ad eskluzjoni tal-intimat.

Din għandha tigi milqugħa tenut kont li r-residenza tal-minuri hija primarjament mal-mara.'"

Rat id-dokumenti li ġew esebiti, il-provi li ġew prodotti u l-atti kollha ta' dan il-proċediment;

Rat illi l-kawża ġiet differita għal-lum sabiex tingħata s-sentenza.

Ikkunsidrat:

KONSIDERAZZJONIJIET TAL-QORTI

Il-Qorti tirrileva illi l-abbli Perit Legali ħadet konsiderazzjoni profonda u akkurata tax-xiehda kollha miġjuba quddiemha, kif ukoll ta' dawk id-dokumenti esebiti direttament fl-atti tal-kawża. Il-Qorti għandha konvinċiment morali sħiħ li hija tista' sserraħ fuq il-konklużjonijiet peritali fid-deċiżjoni tagħha, madanakollu, hija xorta ser tgħaddi biex tagħmel l-osservazzjonijiet u l-konklużjonijiet tagħha, tenut kont anke tan-noti tas-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

KUNSIDERAZZJONIJIET

Kura u Kustodja

F'din il-kawża r-rikorrenti qiegħda titlob illi tiġi fdatha l-kura u l-kustodja esklussiva tal-minuri u li l-istess minuri jibqa' jirrisjedi esklussivament magħha.

B'żieda mal-kunsiderazzjonijiet tagħha enunċjati fis-sentenza fl-ismijiet inversi 237/15AL, din il-Qorti żżid illi hija ma testromettiex leġġerment lil ġenitur jew ieħor mill-kura u l-kustodja ta' minuri. Dan tagħmlu biss jekk tkun konvinta illi l-interess tal-minuri hekk ikun jiddetta, fattur li f'dan il-każ ma ġiex ippruvat.

Għalhekk din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tiċħad it-talba tar-rikorrenti għal kura u l-kustodja esklussiva tal-minuri, iżda għar-raġunijiet esposti fis-sentenza fl-ismijiet inversi 237/15AL, b'mod partikolari sabiex ma tiġiex imfixxkla l-istabbilita' tiegħu, sejra tilqa' dik il-parti tal-ewwel talba sabiex il-minuri jibqa' jirrisjedi mar-rikorrenti, salv id-drittijiet ta' aċċess tal-intimat kif ser jiġu iktar 'l isfel deċiżi.

Aċċess

Din il-Qorti tibda billi tippremetti illi hija taqbel u tabbraċċja s-sottomissjoni tal-intimat illi huwa fl-aħjar interess għall-minuri illi jżomm kuntatt b'saħħtu maż-żewġ ġenituri. ġara x'ġara fil-passat, hi kif inhi r-r-relazzjoni tal-ġenituri tiegħu, it-tifel għandu bżonn kuntatt qawwi maż-żewġ ġenituri ħalli jkun jista` jiżviluppa r-relazzjoni tiegħu mat-tnejn li huma.

Stabbilit illi r-residenza prinċipali tal-minuri ser tibqa` mar-rikorrenti għall-aħjar stabilita' u kwiet mentali tiegħu, il-Qorti, tenut kont tal-arranġament pendente lite u l-animu taż-żewġ partijiet dwar tali arranġament, kif ukoll wara li kkunsidrat bir-reqqa l-proposti tal-abbli Perit Legali u l-konklużjonijiet tac-child psychologist Carmen Sammut u tal-Avukat tat-Tfal Dr Tanya Sammut Catania , tistabilixxi s-segwenti aċċess favur l-intimat:

Waqt il-ġranet tal-iskola

Il-Qorti konfortata mill-konklużjonijiet tal-psikologa Carmen Sammut tiddeciedi illi nhar ta' Tlieta u nhar ta' Ħamis, l-aċċess tal-intimat għall-minuri għandu jibda minn wara l-iskola sat-8pm meta l-istess intimat għandu jieħdu lura d-dar tar-rikorrenti. B'hekk l-intimat ikun jista' jgawdih iżjed u jsegwih fix-xogħol tal-iskola, b'dan illi għandu jirrispetta kwalsiasi impenji soċjali jew extra-kurrikulari li l-minuri jista' jkollu.

B'żieda ma' dan, fi tmien il-ġimgħa, l-intimat għandu jkollu aċċess b'mod alternat mill-Ġimgħa wara l-iskola sas-Sibt fis-6pm, u l-ġimgħa ta' wara mis-Sibt fis-6pm sal-Ħadd fis-6pm. L-

intimat għandu jiġbor lill-minuri fil-bidu tal-aċċess filwaqt li r-rikorrenti għandha tiġbru fi tmiem l-aċċess.

Il-Qorti hija tal-fehma li tali arranġament, filwaqt li jagħti iżjed spazju għall-iżvilupp tar-relazzjoni ta' bejn it-tifel u missieru, fl-istess ħin ma jħarbtux mill-impenji skolastici u mir-rutina ta' matul il-ġimgħa, fi sforz sabiex dan it-tifel isib l-istabilita' u s-serenita' li tant għandu bżonn.

Fil-vaganzi tal-Milied u l-Ewwel tas-sena

L-intimat għandu jkollu aċċess estiż kull sena b'mod alternat b'dan illi sena minnhom ikollu aċċess mit-23 ta' Dicembru fis-6pm sa jum il-Milied fil-11am u minn Jum l-Ewwel tas-Sena fil-11am sat-3 ta' Jannar fil-11am, b'dan illi s-sena ta' wara jkollu aċċess minn jum il-Milied fil-11am sas-27 ta' Dicembru fis-6pm u mit-30 ta' Dicembru fis-6pm sa Jum l-Ewwel tas-sena fil-11am.

Fil-vaganzi tal-Għid

Il-Qorti sejra tabbraċċja l-konklużjoni tal-Perit Legali f'dan ir-rigward u tikkonferma d-digriet tagħha waqt l-udjenza tad-9 ta' Marzu 2017 b'dan illi fil-vaganzi tal-Għid, l-aċċess tal-intimat għandu jkun minn nhar ta' Tlieta fil-5pm sal-għada l-Erbgħa fid-9am u nhar ta' Ħamis mill-5pm sad-9pm u fi tmien il-ġimgħa b'mod alternat mill-ġimgħa fil-5pm sal-għada s-Sibt sas-6pm u l-ġimgħa ta' wara mis-Sibt fil-5pm sal-għada l-Ħadd sas-6pm. B'dan l-arranġament, kull parti jkollha lit-tifel fil-ġurnata tal-Għid b'mod alternat.

Vaganzi qosra u festi pubblici

Fil-vaganzi skolastici tal-Erwieħ u tal-Karnival, l-intimat għandu jkollu aċċess għall-minuri għal ġurnata sħiħa mill-10am sas-6pm, filwaqt li l-ġurnata l-oħra jqattagħha mar-rikorrenti.

Rigward festi pubblici, l-intimat għandu jkollu aċċess għall-minuri b'mod alternat, b'dan illi fil-festa pubblika li jmiss, għandu

jkollu aċċess bejn l-10am u s-6pm filwaqt li l-festa pubblika ta' wara, l-minuri jqattagħha mar-rikorrenti.

Vaganzi tas-Sajf

Din il-Qorti ma tarax għaliex ma għandhiex tikkonferma d-digriet tagħha tas-27 ta' Ġunju 2017 b'dan illi l-intimat għandu jkollu aċċess għall-minuri fil-vaganzi tas-sajf kull nhar ta' Tlieta mill-5pm sal-għada l-Erbgħa fit-8.30 meta huwa għandu jwassal lill-minuri l-iskolaSajf tal-Fgura u kull nhar ta' Ħamis mill-5pm sad-9pm, filwaqt li fi tmiem il-ġimgħa, jkollu aċċess b'mod alternat mill-Ġimgħa fil-5pm sal-għada s-Sibt fis-6pm u l-ġimgħa ta' wara mis-Sibt fil-5pm sal-Ħadd fis-6pm. L-intimat għandu jiġbor lill-minuri fil-bidu tal-aċċess filwaqt li r-rikorrenti għandha tiġbru fi tmiem l-aċċess.

Għeluq is-snin u ġranet speċjali

F'għeluq snin il-minuri, jekk din tkun vaganza, r-rikorrenti żżomm lill-minuri sat-3pm, filwaqt li l-intimat ikollu aċċess mit-3pm sat-8pm, u jekk tinzerta ġurnata skolastika, l-intimat ikollu aċċess għalih mill-5.30pm sat-8.30pm. Dan dejjem jekk il-partijiet ma jiftehmux xort'oħra bejniethom.

F'għeluq snin kull waħda mill-partijiet, il-minuri għandu jqatta' l-ġurnata mal-parti in kwistjoni b'dan illi jekk l-intimat ikun imissu l-aċċess f'għeluq snin ir-rikorrenti, tali aċċess ma jsirx, u jekk ikun imissu sleepover mal-intimat, tali aċċess jibda mit-8pm.

Jekk għeluq snin l-intimat tkun waqt ġurnata skolastika bla aċċess, huwa għandu jkollu aċċess minn wara l-iskola sat-8pm. Jekk jinzerta fi tmien il-ġimgħa ta' bla aċċess, huwa għandu jkollu aċċess mill-11am sas-6pm.

F'jum l-omm u f'jum il-missier, il-minuri għandu jqatta' tali jum mal-ġenitur rispettiv, b'dan illi kwalsiasi sleepovers li jkun imiss għandhom jiġu adegwati biex dan iseħħ.

Il-ġenituri għandhom id-dritt li jkunu t-tnejn preżenti fi ġranet importanti f'ħajjet il-minuri bħalma huma Parents Day, Sports

Day, Prize Day, performances jew attivitajiet tal-iskola, Jum l-Ewwel Tqarbina u Jum il-Griżma.

Safar

Dwar safar qed jiġi deċiż illi l-passaport tal-minuri jinħareġ u jiġġedded bil-kunsens taż-żewġ ġenituri li m'għandux ikun miċħud irraġjonevolment. Il-passaport tal-minuri jinżamm fil-pussess tar-rikorrenti. Kull parti għandha l-jedd li ssiefer bil-minuri, salv li jiġu rispettati l-impenji akkademici tiegħu. Kull parti li tkun ser issiefer bil-minuri għandha, mill-inqas 4 ġimgħat qabel it-tluq, tinforma lill-parti l-oħra bil-miktub, bl-intenzjoni li ssiefer bil-minuri u bid-dettalji kollha tas-safra, inkluż dati, ħinijiet u indirizzi ta' akkomodazzjoni.

Meta xi parti tkun ser issiefer mingħajr il-minuri għandha tistaqsi l-parti l-oħra jekk tistax iżżomm lill-minuri qabel ma tagħmel arranġamenti ma' familjari oħra.

Manteniment

Il-provvedimenti prinċipali fil-Kodiċi Ċivili dwar d-dover tal-ġenituri li jipprovdu manteniment lill-uliedhom huma s-segwenti:

Artikolu 7
(1) Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-Artikolu 3B.

Artikolu 19
(1) Fil-manteniment jidħlu l-ikel, l-ilbies, is-saħħa u l-abitazzjoni.
(2) Fil-manteniment li għandu jingħata lill-ulied u dixxendenti oħra, jidħlu ukoll l-ispejjeż meħtieġa għas-saħħa u għall-edukazzjoni tagħhom.

Artikolu 20
(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min għandu jagħtih.

(2) Fl-istħarriġ sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xorta oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżercizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.
(3) Meta jitqiesu il-mezzi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħad biss il-qligħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddieħor, u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm imobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.
(4) Ma jitqiesx li għandu mezzi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persina ma tkunx axxendent jew dixxendent.
(5) Meta jitqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew imobbli kif ukoll ta' kull interess benefiċjarju tat-trust.

Il-partijiet, ġenituri tal-minuri, m'humiex miżżewġin. Dwar l-obbligi ta' manteniment tal-ulied ta' ġenituri li ma jgħixux flimkien japplikaw l-istess regoli, sew jekk il-ġenitura huma miżżewġin lil xulxin, sew jekk le.

L-Artikolu 93 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi:
93. Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 89, il- ġenituri ta' tfal imnissla u mwielda barra miż-żwieġ għandhom lejn dawk it-tfal u d-dixxendenti tagħhom l-istess dmirijiet li jmantnuhom u jedukawhom bħalma għandhom lejn tfal imwielda jew imnissla matul iż-żwieġ, u dawk it-tfal għandhom kwantu għall-axxendenti tagħhom u qraba oħra l-istess jeddijiet u dmirijiet li għandhom tfal imwielda jew imnissla matul iż-żwieġ.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha , ir-rikorrenti tgħid li ma tħossx li jeżistu ċirkostanzi sabiex id-digriet pendente lite jiġi varjat, jew aħjar li hija kuntenta bis-somma ta' mitejn Euro li l-intimat jivversa kull erba' ġimgħat, b'dan illi għandu wkoll iħallas nofs l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni inklużi spejjeż extra-kurrikulari.

Jirriżulta mill-provi, b'mod partikolari mill-affidavit ulterjuri tar-rikorrenti illi s-sors tad-diżgwidi bejn il-partijiet ma hijiex tant ir-retta mensili iżda l-ispejjeż ta' saħħa, edukazzjoni u dawk extra-

kurrikulari. Hija tixhed illi l-intimat mhux dejjem iħallas nofs l-ispejjeż straordinarji u tal-attivitajiet extra-kurrikulari u tilmenta illi baqa' ma ħallasiex nofs l-ispiża tal-libsa tal-preċett u l-ispejjeż għall-lezzjonijiet tal-atletika.

Bħal ma għamlet f'każijiet simili, meta l-komunikazzjoni bejn il-partijiet tkun batuta, u sabiex jiġu evitati diżgwidi u battibekki bejn il-partijiet li żgur ma jkunux ta' ġid għall-minuri, din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tvarja d-digriet pendente lite tagħha u tawmenta l-manteniment dovut mill-intimat lir-rikorrenti għall-minuri C għal mitejn u ħamsin Euro (€250) kull erba' ġimgħat, b'dan illi din ir-retta tkun tinkludi wkoll l-ispejjeż ta' saħħa u mediċini, dawk edukattivi, kif ukoll l-attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri.

Tali manteniment għandu jiżdied kull sentejn skont l-indici tal-għoli tal-ħajja. Ic-children's allowance għandha tibqa' tiġi pperċepita mir-rikorrenti in kwantu r-residenza tal-minuri hija magħha.

DEĊIDE

Għalhekk, għar-raġunijiet kollha suesposti, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tiċħad il-parti tal-ewwel talba tar-rikorrenti fejn titlob il-kura u l-kustodja esklussiva tal-minuri C D B u tafda l-kura u kustodja tiegħu liż-żewġ partijiet konġuntivament, filwaqt li tilqa' t-tieni parti tat-talba u tordna li l-minuri għandu jkompli jirrisjedi mar-rikorrenti, salv id-drittijiet ta' aċċess tal-intimat.

2. Tilqa' t-tieni talba in kwantu tiffissa l-modalita' tal-aċċess tal-intimat għall-minuri skont dak deċiż taħt l-intestatura Aċċess.

3. Tilqa' t-tielet talba u tirregola l-manteniment dovut mill-intimat għall-bżonnijiet tal-minuri C D B skont kif deċiż taħt l-intestatura Manteniment.

4. Tilqa’ r-raba’ talba u tiddeċiedi li kwalunkwe assistenza statali imħallsa għall-bżonnijiet tal-minuri C D B għandha tiġi perċepita mir-rikorrenti waħedha.

Bl-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.